MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru 221/2003

Il-Pulizija
(Spettur MArtin Sammut)
vs
Brian De Giorgio

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 438776 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Jannar 2003 ghall-habta tal-22.15hrs, gewwa il-post maghruf bhala Perry Court, Triq Birkirkara San Giljan, kkaguna minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jade Bonnici minn Naxxar skont kif ccertifikat minn Dr Kevin Zammit MD tal-Isptar San Luqa, Pieta u dan ai termini tal-Artikoli 214, 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, gewwa San Giljan, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat uglied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli renda ruhu ricediv b'sentenza li saret definittia nhar is-7 ta' Lulju 2000, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti skont l-Artikoli tal-ligi citati.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta l-ferita gravi permanenti.

Mill-provi in atti din it-tip ta' ferita ma tirrizultax.

Tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------